# QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 471/08/1RGM

Kawza fil-lista: 1

**A B**
**Vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur li permezz tieghuppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kawza fl-ismijiet premessi giet intavolata biex ghar-ragunijiet mfissra minnu tigi pronunzjata is-separazzjoni legali mill-gdid minn martu.

2. Illi fil-mori ta' din il-kawza, cioe' fit-22 ta' Ottubru 2012, gie pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

3. Illi l-esponent qieghed permezz ta' din it-talba tieghu jipprevalixxi ruhhu mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66F tal-Kodici Civili ghall-iskop li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tqis illi t-talba biex tigi pronunzjata separazzjoni legali kif gja' mressqa f'din il-kawza tikkonverti ruhha f'talba ghall-pronunzjament ta' divorzju mill-gdid fid-dawl ukoll ta' dak li jipprovdi l-artikolu 66E tal-Kodici Civili.

L-esponent ghalhekk jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonverti t-talba ghas-separazzjoni legali,kif tirrizulta fl-atti tal-kawza

f’wahda ghall-pronunzjament tad-divorzju mill-gdid bejn il-partijiet kontendenti.

Fir-Risposta taghha, l-konvenuta ssottomettiet kif gej:

1. Illi l-esponenti tirritjeni li t-talba kontenuta fir-rikors fuq imsemmi hija insostenibbli ghar-ragunijiet imfissra hawn taht f’din ir-risposta.

2. Illi bir-rikors in kwistjoni l-attur qieghed jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tikkonvertilu t-talba tieghu ghal pronunzjament mill-gdid tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal pronunzjament tad-divorzju mill-gdid bejn il-partijiet. Skond l-attur din it-talba hija msejsa fuq l-artikoli 66F u 66E tal-Kodici Civili.

3. Illi l-attur donnu qed jirritjeni li tali talba tista’ tigi akkolta abbazi tal-artikolu 66E tal-Kap 16 ghaliex jirritjeni tali artikolu jekwipara l-valutazzjoni ta’ htija, jew responsabilita’ fil-kaz ta’ separazzjoni personali ma’ dak tad-divorzju.

4. Illi fl-ewwel lok jigi sottomess bir-rispett li fil-waqt li f’kaz ta’ pronunzjament ta’ separazzjoni personali, iz-zwieg bejn il-partijiet ikun ghadu jezisti u kwindi ma hemmx ostakolu li jerga jigi pronunzjat separazzjoni fuq fatti li jkunu avveraw rwiehhom wara l-pronunzjament originali tas-separazzjoni, fil-kaz ta’ divorzju, iz-zwieg bejn il-partijiet huwa xjolt u una volta l-pronunzjament tad-divorzju jghaddi in gudikat, ma tista’ issir ebda talba ohra sabiex iz-zwieg gja’ xjolt, jerga jigi xjolt mill-gdid. Huwa impensabbli li wiehed jikkontempla cirkostanza reali u logikament potenzjali fejn iz-zwieg bejn il-partijiet jigi xjolt b’sentenza li tkun ghaddiet in gudikat u wahda mill-partijiet tikkontratta z-zwieg mill-gdid u f’daqqa wahda tigi rinfaccjata bil-fatt li hija bigama ghaliex iz-zwieg taghha ghadu jezisti u ser jigi xjolt mill-gdid! Wiehed irid jaghti sens ragjonevoli u logiku ghal dak provdut fl-artikolu 66E tal-Kodici Civili u tali sens ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu huwa applikabbli biss fil-kazijiet fejn ikun ghadu ma gie pronunzjat ebda divorzju definittiv bejn il-partijiet.

5. Illi l-istess logika ta’ ragjonament japplika fir-rigward tal-artikolu 66F tal-Kodici Civili b’dan izjed li f’tali eventwalita’ l-Qorti hija ritenuta sabiex tezamina jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-artikolu 66B tal-Kodici Civili humiex soddisfatti qabel tippronunzja id-divorzju li qed jintalab mill-gdid.

6. Illi fil-konsiderazzjoni ta’ dak rilevat fil-paragrafu precedenti l-esponenti taghmel referenza ghall-atti tal-kawza tas-sentenza ta’ divorzju pronunzjat fit-22 ta’ Ottubru 2012 li huwa illum pacifiku li ghaddiet in gudikat. F’dik il-kawza l-pronunzjament tad-divorzju nghata wara li l-Qorti kienet soddisfatta li

l-fatti kienu jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ifisser li l-Qorti kienet sodisfatta li (a) il-partijiet kienu ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marco Farrugia fil-15 ta' Dicembru 2000; (b) ma kien hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom; u (c) li ma kien hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti lill-esponenti.

7. Illi f'dik il-kawza l-attur odjern, mhux talli ma baqax sieket, izda talli pprezenta risposta fejn issottometta li l-kondizzjonijiet mehtiega skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet) ghall-ksib ta' divorzju huma sodisfatti kif imfisser fir-rikors promotur. Li kieku l-attur odjern deherlu li l-Qorti kellha tiddikjara lill-esponenti bhala responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg, kif kien intitolat jitlob abbazi tal-artikolu 66E tal-Kodici Civili, kien jispetta lilu li jissoleva tali kwistjoni f'dawk il-proceduri sabiex f'dawk il-proceduri, il-Qorti kienet tidhol biex tikkonsidra r-responsabilita' ghat-tkissir taz-zwieg u tapplika, jekk kienet tikkonsidra applikabbli, il-provedimenti tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili kontra l-esponenti. L-attur odjern pero', kif jirrizulta minn dawk l-atti, ma ssollevax tali kwistjoni quddiem dik il-Qorti u kwindi ma jistax jinqeda bil-proceduri odjerni u bir-rikors fuq imsemmi sabiex jittanta jissana dak li illum mhuwiex sanabbli gjaladarba d-divorzju gie pronunzjat b'mod definittiv.

Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw ir-rikors tal-attur tat-23 ta' Novembru 2016 fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2017 li thalla ghallum ghad-decizjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dan ir-rikors kienu s-segwenti:

Il-partijiet isseparaw b'kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Marco Farrugia fil-15 ta' Dicembru 2000.

Fis-sena 2008 giet ipprezentata kawza ta' separazzjoni personali, Rikors Numru 471/08 RGM , li ghadha pendenti.

Fit-22 ta' Ottubru 2012 giet deciza il-kawza ta' divorzju bejniethom Rikors Numru 145/12 AL.

Fil-25 ta' Frar 2016 giet deciza il-kawza Rikors Numru 185/13 RGM fejn giet michuda t-talba tal-attur ghal dikjarazzjoni ta' nullita' tad-divorzju.

Fit-23 ta' Novembru 2016 gie ppresentat r-rikors odjern fl-atti tal-kawza ta' separazzjoni 471/08 RGM fejn l-attur qed jitlob li l-Qorti tikkonverti t-talba ghal separazzjoni personali ghall-pronunzjament tad-divorzju mill-gdid bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat;

L-attur iddikjara li t-talba tieghu qed issir fit-termini tal-artikolu 66F tal-Kodici Civili, tenut kont ukoll ta' dak li jipprovdi l-artikolu 66E tal-Kodici Civili.

L-**artikolu 66F tal-Kap. 16** jittratta dwar il-bdil minn proceduri ta' separazzjoni ghal proceduri ta' divorzju jipprovdi illi:

(1) Kull parti f'kawza ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kwaza, izda qabel ma l-kawza tigi mhollija ghas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba ghas-separazzjoni maghmula f'dik il-kawza titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju. Meta issir din it-talba, il-Qorti ghandha tisma lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-artikolu 66B biex issir talba ghal divorzju huma sodisfatti. Il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha dwar din it-talba f'sentenza moghtija fil-Qorti bil-miftuh, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell hlief flimkien mas-sentenza finali.

L-artikolu 66E jiddisponi li s-sanzjonijiet elenkati fl-artikolu 48, applikati kontra l-parti li kienet hatja ghat-tkissir taz-zwieg f'kawza ta' separazzjoni personali, jistghu japplikaw ukoll f'sitwazzjonijiet simili fil-kaz ta' divorzju.

Ikkunsidrat;

**Artikolu 66A. tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

(1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.

(2) Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.

(3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 japplikaw mutatis mutandis. Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qorti fil-miftuħ.

(4) Il-Qorti għandha, fid-digriet jew sentenza ta' divorzju, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Issir referenza ghall-Artikolu 66F tal-Kap. 16 sub-incizi 3 u 4:-

(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) [talba sabiex kawza pendenti ta' separazzjoni tigi konvertita ghal kawza ta' divorzju] u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull
każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess Qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet.

(4) Kull parti, meta tagħmel talba għad-divorzju, għandha tiddikjara bil-ġurament tagħha jekk dik il-parti jew il-parti l-oħra jkunux diġà għamlu talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu.

Permezz tas-sentenza ta' divorzju moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Ottubru 2012 iz-zwieg tal-partijiet gie xolt. Dik is-sentenza inghatat ghaliex il-konvenut f'dik il-kawza, attur fil-kawza odjerna, dehrlu li ghandu jaderixxi ghat-talba ghax-xoljiment taz-zwieg minghajr hadd mill-partijiet ma issenjala lil dik il-Qorti illi bejn l-istess partijiet kien hemm kawza pendenti ta' separazzjoni personali quddiem din il-Qorti.

Fis-sena 2012 il-partijiet dehrilhom li ghandhom izommu lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) diversament presjeduta sajma mill-fatt li bejniethom kien hemm kawza pendenti ta' separazzjoni personali. Kien ghalhekk li irnexxielhom jottjenu sentenza ta' divorzju meta l-kawza ta' separazzjoni personali kienet ghadha pendenti. Dik is-sentenza ta' divorzju moghtija fit-22 ta' Ottubru 2012 hija llum *res judicata* u giet registrata fir-Registru Pubbliku.

Isegwi illi fit-22 ta' Ottubru 2012 iz-zwieg ta' bejn il-partijiet giet xolt. M'hemmx lok ghalhekk li din il-Qorti tippronunzja d-divorzju tal-partijiet ghaliex una volta zwieg jigi xolt ma jistax jigi xolt ghat-tieni darba.

Huwa minnu illi l-kawza odjerna qeghda ssir in segwitu ghal kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet fejn qed tintalab dikjarazzjoni ta' separazzjoni nonostante li gia hemm kuntratt ta' separazzjoni personali vigenti bejn il-partijiet. L-attur istitwixxa l-kawza odjerna u talab dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali nonostante li gia' hemm bejn il-partijiet kuntratt ta' separazzjoni personali in linea mal-gurisprudenza nostrana illi "Ir-ragel li jkun mifrud minn martu ma jistax jippretendi d-dekadenza ta' martu mid-dritt ghall-

alimenti taghha kontra tieghu minghajr ma jaghmel qabel kawza ta' separazzjoni personali fuq kawzali ta' adulterju, li kienet eskluza fil-motivi ta' separazzjoni u ssoppravveniet wara" [ **"Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici noe vs Dottor Hugh McKibben**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru 1965]. [Ara wkoll **"Louis Arpa vs Mary Arpa**" Rikors Numru 244/12 RGM deciza fit-30 ta' Gunju 2016.]

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti divorzju jista' jigi ppronunzjat darba biss u dan peress illi, a differenza ta' dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali, pronunzjament ta' divorzju ixolji z-zwieg darba ghal dejjem. M'hemmx lok ghalhekk li l-Qorti ixxolji mill-gdid iz-zwieg tal-partijiet.

L-attur qed isostni illi in linea mal-gurisprudenza fuq citata li tezigi illi pronunzjata s-separazzjoni personali, jkun jehtieg pronunzjament ta' separazzjoni iehor fuq kawzali diversi minn dawk tal-pronunzjament ta' qabel, jehtieg illi t-talba ghas-separazzjoni tigi konvertita ghal talba ta' divorzju.

Il-Qorti, filwaqt li fliet bir-reqqa is-sottomissjonijiet tal-partijiet tikkonkludi illi ppronunzjat id-divorzju tal-partijiet, ma hux possibbli li l-Qorti terga ghal darb' ohra tippronunzja d-divorzju tal-partijiet. Xolt darba, iz-zwieg ma jistax jerga' ghal darb' ohra jigi xolt.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din l-Qorti qed tichad it-talba tal-attur imressqa fir-rikors ipprezentat fit-23 ta' Novembru 2016.

Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju.

**Imhallef** **Deputat Registratur**